DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/216

tal-10 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2000/572/KE fir-rigward tar-referenza għas-Sistema Armonizzata (SA) fiċ-ċertifikat mudell għal preparazzjonijiet tal-laħam u li temenda d-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-annotazzjoni għall-Iżrael fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom, li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati

(notifikata bid-dokument C(2015) 438)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([2]) tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam, stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati, kif definit fl-Anness I tar- Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Il-Parti 2 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom, li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti, sakemm ikun sar it-trattament rilevanti kif stabbilit fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.

(3) L-Iżrael huwa elenkat fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE kif awtorizzat, *inter alia*, għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum uman, miksuba minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, li jkunu ġew soġġetti għat-trattament mhux speċifiku (it-"trattament A").

(4) F'Ġunju 2014, l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni wettaq eżerċizzju ta' awditjar fl-Iżrael biex jevalwa l-kontrolli tas-saħħa tal-annimali għal tjur u prodotti tat-tjur maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ("l-awditu tal-2014").

(5) Mill-awditu tal-2014 ġew identifikati diversi nuqqasijiet importanti fir-rigward tal-miżuri ta' kontroll tal-mard għall-marda ta' Newcastle u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal prodotti tat-tjur maħsuba għall-introduzzjoni fl-Unjoni, li ġew indirizzati malajr mill-Iżrael.

(6) Minkejja l-isforzi mwettqa mill-Iżrael f'dawn l-aħħar snin flimkien ma' xi titjib fil-bijosigurtà u miżuri oħra preventivi għall-marda ta' Newcastle, għadhom iseħħu regolarment tifqigħat ta' dik il-mard kemm f'farms għall-użu personali kif ukoll fis-setturi kummerċjali tat-tjur, u fil-futur qrib jidher li dik il-marda mhux se tiġi kompletament ikkontrollata u eradikata.

(7) Minħabba l-persistenza tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle fl-Iżrael u t-tifqigħat kontinwi f'qatgħat ta' tjur f'irziezet kummerċjali, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti garanziji aħjar għas-sikurezza tal-introduzzjoni ta' prodotti tat-tjur mill-Iżrael lejn l-Unjoni.

(8) It-"trattament A" attwali, li huwa preskritt għall-Iżrael fid-Deċiżjoni 2007/777/KE, ma jippreskrivix li għandha tintlaħaq xi temperatura partikolari matul l-ipproċessar, u għaldaqstant mhuwiex biżżejjed biex jelimina r-riskji għas-saħħa tal-annimali b'rabta mal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum uman miksuba minn laħam tat-tjur, ratiti mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi meta titqies il-qagħda epidemjoloġika attwali għall-marda ta' Newcastle f'dak il-pajjiż.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

(9) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha għalhekk tiġi emendata sabiex tirrikjedi t-trattament "D" li huwa aktar sever, biex b'hekk il-prodotti kollha jiġu pproċessati f'temperatura minima ta' 70 °C biex jinattiva kull vajrus tal-marda ta' Newcastle li jista' jkun preżenti fil-materja prima.

(10) Minħabba s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fl-Iżrael, huwa previst ukoll li għall-introduzzjoni ta' prodotti oħra tat-tjur koperti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 [1] minn dak il-pajjiż lejn l-Unjoni, jiġu introdotti restrizzjonijiet tal-introduzzjoni jew rekwiżiti addizzjonali għas-saħħa tal-annimali inkluż l-ittestjar fil-laboratorju sabiex jiżdied il-livell tal-garanziji għal dawn il-prodotti permezz ta' emenda ta' dan l-att.

(11) L-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE [2] jistabbilixxi mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika għall-preparazzjonijiet tal-laħam maħsuba għall-kunsinna lejn il-Komunita Ewropea minn pajjiżi terzi u l-Anness III jistipula ċertifikat mudell għat-tranżitu u l-ħażna ta' preparazzjonijiet tal-laħam. Skont il-Parti I tan-Noti stabbiliti f'dawk iċ-ċertifikati mudell, il-prodotti li jiġu importati jew jgħaddu mill-Unjoni għandhom jiġu deskritti bl-inklużjoni ta' referenza għal kodiċijiet HS 02.10, 16.01 u 16.02 rilevanti.

(12) Madankollu, ċerti oġġetti tal-ikel li joriġinaw minn tjur u li huma definiti bħala preparazzjonijiet tal-laħam mhumiex koperti b'dawk il-kodiċijiet HS. Għat-twettiq ta' ċertifikazzjoni korretta ta' dawk il-prodotti, jeħtieġ li fil-Parti 1 tan-Noti tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika għall-preparazzjonijiet tal-laħam maħsuba għall-kunsinna minn pajjiżi terzi lejn il-Komunita Ewropea u fiċ-ċertifikat mudell għat-tranżitu u l-ħażna ta' preparazzjonijiet tal-laħam, jiżdied il-kodiċi HS 02.07.

(13) Sabiex jiġu evitati interruzzjonijiet żejda għall-kummerċ, din id-Deċiżjoni għandha tistipula perjodu tranżitorju biex jippermetti d-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum uman miksuba minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi kif ukoll kunsinni ta' preparazzjonijiet tal-laħam prodotti, mibgħuta jew fi triqithom lejn l-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

(14) Għal raġunijiet ta' trasparenza tas-suq u skont il-liġi pubblika internazzjonali, għandu jiġi ċċarat li l-kopertura territorjali taċ-ċertifikati hija limitata għat-territorju tal-Istat tal-Iżrael bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-amministrazzjoni tal-Iżrael sa minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent, li għandhom jiġu indikati fil-Parti 2 tal-Anness II.

(15) Id-Deċiżjonijiet 2000/572/KE u 2007/777/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

(16) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi tad-Deċiżjoni 2000/572/KE

L-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 2000/572/KE huma emendati skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Emendi tad-Deċiżjoni 2007/777/KE

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE tat-8 ta' Settembru 2000 li tfassal kundizzjonijiet dwar annimali u saħħa pubblika u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam minn pajjiżi terzi (ĠU L 240, 23.9.2000, p. 19).

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet tranżitorji għall-emendi tad-Deċiżjoni 2007/777/KE

Għal perjodu tranżitorju sat-28 ta' Frar 2015, kunsinni li joriġinaw fl-Iżrael, inklużi dawk li jinġarru fuq l-ibħra, ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati miksuba minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi li jkunu ġew soġġetti għat-trattament mhux speċifiku "A" stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE kif meħtieġ minn dik id-Deċiżjoni, qabel l-emendi magħmula minn din id-Deċiżjoni, għandhom ikomplu jiġu awtorizzati għall-importazzjoni lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha, sakemm dawn ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa pubblika u tal-annimali, mimli, iffirmat u datat mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2015, f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fl-Anness II u fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2000/572/KE, fil-Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika għall-preparazzjonijiet tal-laħam maħsuba għall-kunsinna minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità Ewropea u ċ-Ċertifikat Mudell għat-tranżitu/ħażna, fil-Parti I tan-Noti, il-linja "— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS — Harmonised System) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 02.10, 16.01 jew 16.02." tinbidel b'dan li ġej:

"— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS — Harmonised System) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 02.07, 02.10, 16.01 jew 16.02".

ANNESS II

Il-Pari 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE hija emendat kif ġej:

1. l-annotazzjoni għall-Iżrael tinbidel b'dan li ġej:

"IL (****)	L-Iżrael	B	B	B	B	D	D	A	B	B	XXX	A	D	XXX"

2. tiżdied din in-nota ta' qiegħ il-paġna:

"(****) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat tal-Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li jinsabu taħt l-Amministrazzjoni tal-Iżrael sa minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent."